PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2008/0242(COD)

4.3.2009

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' 'Eurodac' għall-paragun tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (KE) No […/…] [li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat] (Riformulazzjoni)
(COM(2008)0825 – C6-0475/2008 – 2008/0242(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Nicolae Vlad Popa

(Riformulazzjoni -Artikolu 80a tar-Regoli ta' Proċedura)

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija u korsiva.*** Fil-każ ta' atti li jemendaw, il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-Kummissjoni ma tkunx emendat, huma indikati b'tipa **qawwija**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...]. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....5

NOTA SPJEGATTIVA.....26

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' 'Eurodac' għall-paragun tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (KE) No […/…] [li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat] (Riformulazzjoni)
(COM(2008)0825 – C6-0475/2008 – 2008/0242(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni – riformulazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2008)0825),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 63(1)(a) tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0475/2008),

– wara li kkunsidra l-ftehima interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 biex isir użu aktar strutturat tat-teknika ta' riformulazzjoni ta' atti legali[1],

– wara li kkunsidra l-ittra tad-29 ta' Jannar 2009 mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern bi qbil mal-Artikolu 80a(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 80 u 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0000/2009),

A. Billi, skond il-grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, il-proposta in kwistjoni ma tinkludix emendi ta' sustanza għajr dawk identifikati bħala tali fil-proposta u billi, fir-rigward tal-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li ma nbidlux ta' l-atti ta' qabel flimkien ma' dawk l-emendi, il-proposta fiha sempliċi kondifikazzjoni tat-testi eżistenti mingħajr ebda tibdil fis-sustanza tagħhom;

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif adattata għar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni u bl-adattamenti tekniċi approvati mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali u kif emendata hawn taħt;

2. Jistieden lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sostanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-

[1] ĠU C 77, 28.3.2002, p. 1.

Kunsill u lill-Kummissjoni.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Hemm bżonn li jkunu preskritti regoli preċiżi dwar it-trażmissjoni ta' dik id-data dwar marki tas-swaba' lis-Sistema Ċentrali, l-irreġistrar ta' dik id-data fuq marki tas-swaba' u data rilevanti oħra fis-Sistema Ċentrali , iż-żamma tagħhom, it-tqabbil ma' idata fuq marki tas-swaba' oħra, it-trażmissjoni tar-riżultati ta' dak it-tqabbil u l-***imblukkar*** u tħassir tad-data rreġistrata. Dawn ir-regoli jistgħu jkunu differenti għal, u għandhom ikunu adattati speċifikament, għas-sitwazzjoni ta' kategoriji differenti ta' ***ċittadin*** ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat .	(9) Hemm bżonn li jkunu preskritti regoli preċiżi dwar it-trażmissjoni ta' dik id-data dwar marki tas-swaba' lis-Sistema Ċentrali, l-irreġistrar ta' dik id-data fuq marki tas-swaba' u data rilevanti oħra fis-Sistema Ċentrali , iż-żamma tagħhom, it-tqabbil ma' idata fuq marki tas-swaba' oħra, it-trażmissjoni tar-riżultati ta' dak it-tqabbil u l-***immarkar*** u tħassir tad-data rreġistrata. Dawn ir-regoli jistgħu jkunu differenti għal, u għandhom ikunu adattati speċifikament, għas-sitwazzjoni ta' kategoriji differenti ta' ***ċittadini*** ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat .

Or. en

Ġustifikazzjoni

Imbilli l-kunċett tal-"imblukkar tad-dejta" tteħidlu postu fil-proposta tal-Kummissjoni mill-kunċett tal-"immarkar tad-dejta", il-premess għandha tiġi adattata konsegwentement.

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Ir-Regolament (KE) 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data ***għandu japplika***. Madankollu, għandhom jiġu ċċarati xi punti rigward ir-responsabbiltà għall-ipproċessar ta' data u	(19) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data japplika għall-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet jew il-korpi komunitarji ***japplikaw għall-***

s-superviżjoni tal-protezzjoni tad-data.	***ipproċessar tad-dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi komunitarji magħmulin skont it-termini ta' dan ir-Regolament***. Madankollu, għandhom jiġu ċċarati xi ***punti*** rigward ir-responsabbiltà għall-ipproċessar ta' data u s-superviżjoni tal-protezzjoni tad-data.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda timmira lejn diċitura aktar ċara tat-test.

Emenda 3

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Wara perjodu ta' tranżizzjoni, l-Awtorità tal-Ġestjoni, iffinanzjata mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, għandha tkun responsabbli għall-ġestjoni operattiva tal-EURODAC. L-Awtorità tal-Ġestjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, għandha tiżgura li tintuża f'kull ħin, u suġġett għal analiżi tal-benefiċċju mill-ispiża, l-aħjar ***teknoloġija*** disponibbli għas-Sistema Ċentrali.	1. Wara perjodu ta' tranżizzjoni, l-Awtorità tal-Ġestjoni, iffinanzjata mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, għandha tkun responsabbli għall-ġestjoni operattiva tal-EURODAC. L-Awtorità tal-Ġestjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, għandha tiżgura li tintuża f'kull ħin, u suġġett għal analiżi tal-benefiċċju mill-ispiża, l-aħjar ***tekniki*** disponibbli għas-Sistema Ċentrali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bħalma ntqal mis-Sovrintendent Ewropew tal-Ħarsien tad-Dejta fl-opinjoni tiegħu tat-18 ta' Frar 2009, għandu jintuża t-terminu usa' "tekniki", li jinkludi kemm it-teknoloġija użata kif ukoll il-mod li biex tiġi ddisinjata u operata u ssirilha l-manutenzjoni l-installazzjoni.

Emenda 4

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-Awtorità tal-Ġestjoni msemmija f'dan ir-Regolament għandha tkun l-Awtorità tal-Ġestjoni responsabbli għas-SIS II u l-VIS.	7. L-Awtorità tal-Ġestjoni msemmija f'dan ir-Regolament għandha tkun l-Awtorità tal-Ġestjoni responsabbli għall-***EURODAC, i***s-SIS II u l-VIS.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandhom jissemmew it-tliet sistemi IT li għalihom tkun kompetenti l-Awtorità tal-Management.

Emenda 5

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fl-aħħar ta' kull sena, id-data statistika għandha tkun stabbilita fil-forma ta' kompilazzjoni tal-istatistiċi ta' kull xahar għal dik is-sena inkluża indikazzjoni tan-numru ta' persuni li dwarhom ikunu ġew reġistrati suċċessi taħt (b), (ċ) u (d).	Fl-aħħar ta' kull sena, id-data statistika għandha tkun stabbilita fil-forma ta' kompilazzjoni tal-istatistiċi ta' kull xahar għal dik is-sena inkluża indikazzjoni tan-numru ta' persuni li dwarhom ikunu ġew reġistrati suċċessi taħt (b), (ċ), (d) u ***(g)***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ladarba n-numru ta' suċċessi għall-persuni lil tiġi konċessa lilhom il-protezzjoni internazzjonali huwa inkluż fl-obbligazzjoni tal-Awtorità tal-Management li tfassal l-istatistika skont it-termini tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 5, in-numru tagħhom għandu wkoll ikun parti mill-indikazzjoni fil-kompilazzjoni ta' kull sena tal-istatistika mensili.

Emenda 6

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – titolu u paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ġbir, trażmissjoni u tqabbil ta' ***marki tas-swaba'***	Ġbir, trażmissjoni u tqabbil ta***d-dejta tal-marki tas-swaba'***
1. Kull Stat Membru għandu jieħu wara li jippreżenta applikazzjoni kif definit mill-Artikolu 20(2) tar-Regolament ta' Dublin ***fil-pront*** il-marki tas-swaba' tas-swaba' kollha ta' kull applikant għal protezzjoni internazzjonali li jkollu tal-inqas 14-il sena u għandu ***mhux aktar tard minn 48 siegħa*** mid-***data tal-applikazzjoni*** jittrażmetti***hom*** flimkien mad- data msemmija fil-punti (b sa (g) tal-Artikolu 7(1) lis-Sistema Ċentrali.	1. Kull Stat Membru għandu ***sa mhux aktar minn 48 siegħa*** jieħu wara li jippreżenta applikazzjoni kif definit mill-Artikolu 20(2) tar-Regolament ta' Dublin il-marki tas-swaba' tas-swaba' kollha ta' kull applikant għal protezzjoni internazzjonali li jkollu tal-inqas 14-il sena u għandu ***sa mhux aktar tard minn 24 siegħa*** mi***t-teħid tal-marki tas-swaba'*** jittrażmetti ***d-dejta tal-marki tas-swaba'*** flimkien mad-dejta msemmija fil-punti (b) sa (g) tal-Artikolu 7(1) ***ta' dan ir-Regolament*** lis-Sistema Ċentrali.
	Eċċezzjonalment, f'każijiet fejn il-marki tas-swaba' jkunu ddanneġġati gravement, għad illi temporanjament biss, u ma jkunux jistgħu jfornu dejta tajba tal-marki tas-swaba' jew f'każijiet fejn hemm ħtieġa tal-infurzar ta' perijodu ta' kwarantina minħabba mard gravi li jittieħed, il-perijodu ta' 48 siegħa għat-teħid tal-marki tas-swaba' tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, kif jingħad f'dan il-paragrafu, jista' jiġi estiż sa massimu ta' tliet ġimgħat. Il-perijodu ta' 24 siegħa għat-trażmissjoni tad-dejta rikjesti għandu japplika konsegwentement.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għad illi huwa tal-akbar importanza li tiddaħħal skadenza speċifika għat-trażmissjoni tad-dejta tal-marki tas-swaba', l-iskadenza ta' 48 siegħa jidher li hija qasira wisq għat-teħid u t-trażmissjoni tad-dejta tal-marki tas-swaba' għas-Sistema Ċentrali. Skadenza ta' 48 siegħa għat-teħid tal-marki tas-swaba' u skadenza ta' 24 siegħa għat-trażmissjoni tad-dejta tal-marki

tas-swaba' jidher li huma aktar minn xierqa meta għadha qed tiġi ttrattata l-problema tat-trażmissjoni tardiva tal-marki tas-swaba' mill-Istati Membri. It-tieni parti ta' din l-emenda tqis is-sitwazzjonijiet meta t-teħid tal-marki tas-swaba' jkun temporanjament mhux possibbli.

Emenda 7

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. B'deroga mill-paragrafu 1, meta applikant għal protezzjoni internazzjonali jasal fl-Istat Membru ***responsabbli*** wara trasferiment skont ir-Regolament ta' Dublin, l-Istat Membru responsabbli għandu ***jittrażmetti biss tranżazzjoni li tindika l-***fatt li sar trasferiment b'suċċess ***rigward*** id-data relevanti reġistrata fis-Sistema Ċentrali skont l-***Artikolu 6***, konformement mar-rekwiżiti għall-komunikazzjoni elettronika mas-Sistema Ċentrali stabbiliti mill-Awtorità tal-Ġestjoni. Din l-informazzjoni għandha tinħażen skont l-Artikolu 8 għall-għan tat-trażmissjoni taħt l-Artikolu ***6(5)***.	2. B'deroga mill-paragrafu 1, meta applikant għal protezzjoni internazzjonali jasal fl-Istat Membru ***responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali*** wara trasferiment skont ***l-Artikolu 23 ta***r-Regolament ta' Dublin, l-Istat Membru responsabbli għandu ***jindika biss il***-fatt li sar trasferiment b'suċċess ***għar-rigward ta***d-data relevanti reġistrata fis-Sistema Ċentrali skont l-***Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament***, konformement mar-rekwiżiti għall-komunikazzjoni elettronika mas-Sistema Ċentrali stabbiliti mill-Awtorità tal-Ġestjoni Din l-informazzjoni għandha tinħażen skont l-Artikolu 8 għall-għan tat-trażmissjoni taħt ***il-paragrafu 5 ta' dan*** l-Artikolu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandu jsir riferiment għall-Artikolu 7 li skont it-termini tiegħu tiġi rrekordjata d-dejta relevanti. Il-bqija ta' din l-emenda timmira lejn diċitura aktar ċara tat-test.

Emenda 8

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Ċentrali għandha tittrażmetti awtomatikament is-suċċess jew ir-riżultat negattiv tat-tqabbil lill-Istat Membru ta'	5. Is-Sistema Ċentrali għandha tittrażmetti awtomatikament is-suċċess jew ir-riżultat negattiv tat-tqabbil lill-Istat Membru ta'

oriġini. Fejn ikun hemm suċċess, għandha tittrażmetti għal kull sett ta' data li jikkorrispondi għas-suċċess, id-data msemmija fl-Artikolu 7(1) (a) sa ***(f)*** flimkien, fejn ikun xieraq, mal-marka msemmija fl-Artikolu 14(1) .	oriġini. Fejn ikun hemm suċċess, għandha tittrażmetti għal kull sett ta' data li jikkorrispondi għas-suċċess, id-data msemmija fl-Artikolu 7(1) (a) sa ***(g)*** flimkien, fejn ikun xieraq, mal-marka msemmija fl-Artikolu 14(1) .

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-user ID tal-operatur ukoll għandu jkun parti mid-dejta trażmessa.

Emenda 9

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-Sistema Ċentrali għandha tinforma lill-Istati Membri ta' oriġini kollha ***bit-tħassir*** ta' data minn Stat Membru ta' oriġini ieħor li jkun kellu riżultat ta' suċċess fil-każ ta' data li ***jkun trażmetta*** li tkun relatata ma' persuni msemmija fl-Artikolu 6 jew l-Artikolu 10 .	2. Is-Sistema Ċentrali għandha tinforma lill-Istati Membri ta' oriġini kollha ***bil-kanċellazzjoni*** ta' data ***għar-raġuni msemmija fil-paragrafu 1*** minn Stat Membru ta' oriġini ieħor li jkun kellu riżultat ta' suċċess fil-każ ta' data li ***jkunu ttrażmettew*** li tkun relatata ma' persuni msemmija fl-Artikolu 6 jew l-Artikolu 10.

Or. en

Ġustifikazzjoni

In-ness mal-paragrafu 1 tal-Artikolu 9 għandu jkun enfasizzat (bħalma hu fl-Artikolu 12(3) u (4) għat-tieni kategorija ta' persuni assoġġettati għall-proċedura EURODAC). Għandu jkun ikkjarifikat li l-aħħar parti tas-sentenza tirreferi għall-Istati Membri kollha tal-oriġini li jkunu ttrażmettew id-dejta u mhux għall-Istati Membri tal-oriġini li jkunu kkanċellaw id-dejta.

Emenda 10

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull Stat Membru għandu, bi qbil mal-protezzjonjiet preskritti fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal, jieħu ***fil-pront*** il-marki ta' swaba' tas-swaba' kollha ta' kull ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat li jkollu tal-inqas 14-il sena li jinqabad mill-awtoritajiet ta' kontroll kompetenti b'konnessjoni mal-qsim irregolari bl-art, bil-baħar jew bl-ajru tal-fruntiera ta' dak l-Istat Membru wara li jkun ġie minn pajjiż terz u li ma jintbagħatx lura fih.	1. Kull Stat Membru għandu, bi qbil mal-protezzjonjiet preskritti fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal, jieħu l-marki ta' swaba' tas-swaba' kollha ta' kull ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat li jkollu tal-inqas 14-il sena li jinqabad mill-awtoritajiet ta' kontroll kompetenti b'konnessjoni mal-qsim irregolari bl-art, bil-baħar jew bl-ajru tal-fruntiera ta' dak l-Istat Membru wara li jkun ġie minn pajjiż terz u li ma jintbagħatx lura fih***, mhux aktar tard minn 48 siegħa mid-data tal-qbid***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għad illi huwa tal-akbar importanza li tiddaħħal skadenza speċifika għat-trażmissjoni tad-dejta tal-marki tas-swaba', l-iskadenza ta' 48 siegħa jidher li hija qasira wisq għat-teħid u t-trażmissjoni tad-dejta tal-marki tas-swaba' għas-Sistema Ċentrali. Skadenza ta' 48 siegħa għat-teħid tal-marki tas-swaba' u skadenza ta' 24 siegħa għat-trażmissjoni tad-dejta tal-marki tas-swaba' jidher li huma aktar minn xierqa meta għadha qed tiġi ttrattata l-problema tat-trażmissjoni tardiva tal-marki tas-swaba' mill-Istati Membri.

Emenda 11

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istat Membru interessat għandu jittrażmetti mhux aktar tard minn ***48 siegħa mid-data li jinqabad*** lis-Sistema Ċentrali id-data li ġejja ***f'dak li għandu x'jaqsam ma' kull ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat , kif imfisser fil-***	2. L-Istat Membru interessat għandu jittrażmetti mhux aktar tard minn ***24 siegħa mit-teħid tal-marki tas-swaba' taċ-ċittadin tal-pajjiż terz jew il-persuna mingħajr stat, kif jingħad fil-paragrafu 1,*** lis-Sistema Ċentrali id-data li ġejja ***f'dak li***

paragrafu 1, li ma jkunx mibgħut lura: ***għandu x'jaqsam ma' dik il-persuna***:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għad illi huwa tal-akbar importanza li tiddaħħal skadenza speċifika għat-trażmissjoni tad-dejta tal-marki tas-swaba', l-iskadenza ta' 48 siegħa jidher li hija qasira wisq għat-teħid u t-trażmissjoni tad-dejta tal-marki tas-swaba' għas-Sistema Ċentrali. Skadenza ta' 48 siegħa għat-teħid tal-marki tas-swaba' u skadenza ta' 24 siegħa għat-trażmissjoni tad-dejta tal-marki tas-swaba' jidher li huma aktar minn xierqa meta għadha qed tiġi ttrattata l-problema tat-trażmissjoni tardiva tal-marki tas-swaba' mill-Istati Membri. L-objettiva tat-tieni parti ta' din l-emenda huwa li tiġi evitata r-ripetizzjoni ta' kondizzjoni li ġa qiegħda fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 10.

Emenda 12

Proposta għal regolament
Artikolu 10 - paragrafu 2 - subparagrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Eċċezzjonalment, f'każijiet fejn il-marki tas-swaba' jkunu ddanneġġati gravement, għad illi temporanjament biss, u ma jkunux jistgħu jfornu dejta tajba tal-marki tas-swaba' jew f'każijiet fejn hemm ħtieġa tal-infurzar ta' perijodu ta' kwarantina minħabba mard gravi li jittieħed, il-perijodu ta' 48 siegħa għat-teħid tal-marki tas-swaba' taċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew ta' persuna mingħajr stat, kif jingħad fil-paragrafu 1, jista' jiġi estiż sa massimu ta' tliet ġimgħat. Il-perijodu ta' 24 siegħa għat-trażmissjoni tad-dejta rikjesti għandu japplika konsegwentement.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tqis is-sitwazzjonijiet meta t-teħid tal-marki tas-swaba' jkun temporanjament mhux possibbli.

Emenda 13

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-data li jkollha x'taqsam ma' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat kif previst fl-Artikolu 10(1) għandha titneħħa mis-Sistema Ċentrali skont l-***Artikolu 21(3) immedjatament***, jekk l-Istat Membru ta' oriġini jsir jaf b'waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin qabel ma jiskadi l-perjodu ta' sena imsemmi fil-paragrafu 1:	2. Id-data li jkollha x'taqsam ma' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat kif previst fl-Artikolu 10(1) għandha titneħħa mis-Sistema Ċentrali skont l-***Artikolu 20(3) appena*** l-Istat Membru ta' oriġini jsir jaf b'waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin qabel ma jiskadi l-perjodu ta' sena imsemmi fil-paragrafu 1:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandu jsir riferiment għall-Artikolu 20(3) li skont it-termini tiegħu l-Istat Membru tal-oriġini biss huwa intitolat javalla d-dejta. It-tieni parti ta' din l-emenda timmira lejn l-allinjament tad-diċitura tal-Artikolu 9(1) fejn jinsabu d-dispożizzjonijiet korrispondenti għall-ewwel kategorija ta' persuni assoġġettati għall-proċedura EURODAC. It-tħassir tittanta jevita d-dupplikazzjoni.

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Is-Sistema Ċentrali għandha tinforma lill-Istati Membri ta' oriġini kollha bi***t-tħassir*** ta' data għar-raġuni msemmija fil-paragrafu 2(a) ***u*** (b) minn Stat Membru ta' oriġini ieħor li jkun kellu riżultat ta' suċċess fil-każ ta' data li ***jkun ittrażmetta*** li tkun relatata ma' persuni msemmija fl-Artikolu 10.	3. Is-Sistema Ċentrali għandha tinforma lill-Istati Membri ta' oriġini kollha bit-tħassir ta' data għar-raġuni msemmija fil-paragrafu 2(a) ***jew*** (b) minn Stat Membru ta' oriġini ieħor li jkun kellu riżultat ta' suċċess fil-każ ta' data li ***jkunu ttrażmettew*** li tkun relatata ma' persuni msemmija fl-Artikolu 10.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandu jkun ikkjarifikat li l-aħħar parti tas-sentenza tirreferi għall-Istati Membri kollha tal-oriġini li jkunu ttrażmettew id-dejta u mhux għall-Istati Membri tal-oriġini li jkunu kkanċellaw id-dejta.

Emenda 15

Proposta għal regolament
L-Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Is-Sistema Ċentrali għandha tinforma lill-Istati Membri ta' oriġini kollha ***bit-tħassir*** ta' data għar-raġuni msemmija fil-paragrafu 2(c) minn Stat Membru ta' oriġini ieħor li jkun kellu riżultat ta' suċċess fil-każ ta' data li ***jkun ittrażmetta*** li tkun relatata ma' persuni msemmija fl-Artikolu 6 jew l-Artikolu 10.	4. Is-Sistema Ċentrali għandha tinforma lill-Istati Membri ta' oriġini kollha ***bil-kanċellament*** ta' data għar-raġuni msemmija fil-paragrafu 2(c) minn Stat Membru ta' oriġini ieħor li jkun kellu riżultat ta' suċċess fil-każ ta' data li ***jkunu ttrażmettew*** li tkun relatata ma' persuni msemmija fl-Artikolu 6 jew l-Artikolu 10.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandu jkun ikkjarifikat li l-aħħar parti tas-sentenza tirreferi għall-Istati Membri kollha tal-oriġini li jkunu ttrażmettew id-dejta u mhux għall-Istati Membri tal-oriġini li jkunu kkanċellaw id-dejta.

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istat Membru tal-oriġini li jkun ikkonċeda protezzjoni internazzjonali lil applikant għal protezzjoni internazzjonali li d-data dwaru kienet qabel irreġistrata fis-Sistema Ċentrali skont l-***Artikolu 6*** għandu jimmarka d-data relevanti konformement mar-rekwiżiti għall-komunikazzjoni elettronika mas-Sistema Ċentrali stabbiliti mill-Awtorità tal-Ġestjoni. Din il-marka	1. L-Istat Membru tal-oriġini li jkun ikkonċeda protezzjoni internazzjonali lil applikant għal protezzjoni internazzjonali li d-data dwaru kienet qabel irreġistrata fis-Sistema Ċentrali skont l-***Artikolu 7*** għandu jimmarka d-data relevanti konformement mar-rekwiżiti għall-komunikazzjoni elettronika mas-Sistema Ċentrali stabbiliti mill-Awtorità tal-Ġestjoni. Din il-marka

għandha tinħażen fis-Sistema Ċentrali skont l-Artikolu 8 għall-għan ta' trażmissjoni taħt l-Artikolu 6(5).	għandha tinħażen fis-Sistema Ċentrali skont l-Artikolu 8 għall-għan ta' trażmissjoni taħt l-Artikolu 6(5).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandu jsir riferiment għall-Artikolu 7 li skont it-termini tiegħu tiġi rrekordjata d-dejta relevanti.

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri ***għandhom*** jittrażmettu elettronikament id-data msemmija fl-Artikolu 7, l-Artikolu 10(2) u l-Artikolu 13(2) . d-data msemmija fl-Artikolu 7 u fl-Artikolu 10(2) għandha tiġi awtomatikament irreġistrata fis-Sistema Ċentrali.. Safejn huwa meħtieġ għall-operazzjoni effiċjenti tas-Sistema Ċentrali, l-Awtorità tal-Ġestjoni għandha tistabbilixxi l-ħtiġiet tekniċi biex tiżgura li d-data tkun tista' tinbagħat elettronikament minn Stati Membri lis-Sistema Ċentrali u viċi versa.	2. L-Istati Membri ***għandhom*** jittrażmettu elettronikament id-data msemmija fl-Artikolu 7, l-Artikolu 10(2) u l-Artikolu 13(2) . d-data msemmija fl-Artikolu 7 u fl-Artikolu 10(2) għandha tiġi awtomatikament irreġistrata fis-Sistema Ċentrali.. Safejn huwa meħtieġ għall-operazzjoni effiċjenti tas-Sistema Ċentrali, l-Awtorità tal-Ġestjoni għandha tistabbilixxi l-ħtiġiet tekniċi biex tiżgura li d-data tkun tista' tinbagħat elettronikament minn Stati Membri lis-Sistema Ċentrali u viċi versa.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Peress li d-dejta hija trasmessa b'mod elettroniku biss, ir-riferimenti għall-forma kartaċea jew mezzi oħra ta' data support tneħħew mill-proposta tal-Kummissjoni. Għaldaqstant, it-trażmissjoni elettronika tad-dejta jmissha tkun obbligatorja.

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. In-numru ta' riferenza msemmi fl-Artikolu 7(d) ***u l-Artikolu 10(2)(d)*** għandu jagħmel possibbli li d-data tkun relatata mingħajr ambigwità ma' persuna waħda partikolari u mal-Istat Membru li ***qed jittrażmetti*** d-data. Minbarra dan, għandu jagħmilha possibbli li jkun magħruf jekk din id-data għandhiex x'taqsam persuna msemmija fl-Artikolu 6, l-Artikolu 10 jew l-Artikolu 13.	3. In-numru ta' riferenza msemmi fl-Artikolu 7(d) ***u l-Artikolu 13(1)*** għandu jagħmel possibbli li d-data tkun relatata mingħajr ambigwità ma' persuna waħda partikolari u mal-Istat Membru li ***ttrażmetta*** d-data. Minbarra dan, għandu jagħmilha possibbli li jkun magħruf jekk din id-data għandhiex x'taqsam persuna msemmija fl-Artikolu 6, l-Artikolu 10 jew l-Artikolu 13.

Or. en

Ġustifikazzjoni

In-numru ta' riferenza trażmess skont it-termini tal-Artikolu 13(1) għandu wkoll jissoddisfa l-kondizzjonijiet imsemmijin aktar 'il fuq.

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-Sistema Ċentrali għandha tagħmel it-tqabbil fl-ordni ta' kif jaslu t-talbiet. Kull talba trid tinħadem f'24 siegħa. ***Fil-każ ta' data li hija trażmessa elettronikament***, Stat Membru jista' għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mal-liġi nazzjonali jeħtieġ tqabbil partikolarment urġenti biex isir f'siegħa. Meta dawn -iskadenzi ma jistgħux ikunu rispettati minħabba ċirkostanzi li huma 'il barra mir-responsabbilità tal- Awtorità tal-Ġestjoni , is-Sistema Ċentrali għandha tipproċessa t-talba bħala kwistjoni ta' prijorità hekk kif dawk iċ-ċirkostanzi ma jibqgħu aktar fis-seħħ. F'dawn il-każijiet, safejn huma	2. Is-Sistema Ċentrali għandha tagħmel it-tqabbil fl-ordni ta' kif jaslu t-talbiet. Kull talba trid tinħadem f'24 siegħa. Stat Membru jista' għal raġunijiet konnessi mad-dritt nazzjonali jitlob li jsiru paraguni partikolarment urġenti fi żmien siegħa. Meta dawn -iskadenzi ma jistgħux ikunu rispettati minħabba ċirkostanzi li huma 'il barra mir-responsabbilità tal- Awtorità tal-Ġestjoni , is-Sistema Ċentrali għandha tipproċessa t-talba bħala kwistjoni ta' prijorità hekk kif dawk iċ-ċirkostanzi ma jibqgħu aktar fis-seħħ. F'dawn il-każijiet, safejn huma meħtieġ għall-operazzjoni effiċjenti tas-Sistema , l- Awtorità tal-

meħtieġ għall-operazzjoni effiċjenti tas-Sistema , l- Awtorità tal-Ġestjoni għandha tistabbilixxi kriterji biex ikun żgurat li t-talbiet jiġu tratti skont il-prijorità.

Ġestjoni għandha tistabbilixxi kriterji biex ikun żgurat li t-talbiet jiġu tratti skont il-prijorità.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Billi d-dejta hija trażmessa elettronikament, it-test għandu jiġi adattat skont il-ħtieġa.

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 17 - paragrafu 4 - subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Informazzjoni li tiġi riċevuta mis-Sistema Ċentrali li jkollha x'taqsam ma' data oħra li tinstab li tkun mhux ta' min jorbot fuqha għandha titneħħa ***jew tinqered*** malli jkun stabbilit li d-data ma tkunx ta' min jorbot fuqha.	Informazzjoni li tiġi riċevuta mis-Sistema Ċentrali li jkollha x'taqsam ma' data oħra li tinstab li tkun mhux ta' min jorbot fuqha għandha titneħħa malli jkun stabbilit li d-data ma tkunx ta' min jorbot fuqha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Peress li d-data hija trażmessa b'mod elettroniku biss, ir-referenzi għal karta stampata jew mezzi oħra ta' data tħassru mill-proposta tal-Kummissjoni u għalhekk it-test irid jiġi adattat skont dan it-tħassir.

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istat Membru li jassumi din ir-responsabbiltà skont l-Artikolu 17 tar-Regolament ta' Dublin għandu ***jittrażmetti tranżazzjoni li tindika*** dan il-fatt ***rigward*** id-data relevanti reġistrata fis-Sistema	6. L-Istat Membru li jassumi din ir-responsabbiltà skont l-Artikolu 17 tar-Regolament ta' Dublin għandu ***jindika*** dan il-fatt ***fir-rigward*** *tad*-data relevanti reġistrata fis-Sistema Ċentrali skont l-

Ċentrali skont l-***Artikolu 6*** ta' dan ir-Regolament u konformement mar-rekwiżiti għall-komunikazzjoni elettronika mas-Sistema Ċentrali stabbiliti mill-Awtorità tal-Ġestjoni. Din l-informazzjoni għandha tinħażen skont l-Artikolu 8 għall-għan tat-trażmissjoni taħt l-Artikolu 6(5).	***Artikolu 7*** ta' dan ir-Regolament u konformement mar-rekwiżiti għall-komunikazzjoni elettronika mas-Sistema Ċentrali stabbiliti mill-Awtorità tal-Ġestjoni. Din l-informazzjoni għandha tinħażen skont l-Artikolu 8 għall-għan tat-trażmissjoni taħt l-Artikolu 6(5). *(Dan il-paragrafu għandu jiddaħħal fl-Artikolu 6 bħala paragrafu ġdid 2a.)*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandha ssir referenza għall-Artikolu 7 li skont it-termini tiegħu tiġi rrekordjata d-data relevanti. Il-bqija ta' din l-emenda timmira lejn diċitura aktar ċara tat-test.

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istat Membru ***responsabbli*** għandu jiżgura s-sigurtà tad-data qabel u matul it-trażmissjoni lejn is-Sistema Ċentrali. Kull Stat Membru għandu jiżgura s-sigurtà tad-data li jirċievi mis-Sistema Ċentrali.	1. L-Istat Membru ***tal-oriġini*** għandu jiżgura s-sigurtà tad-data qabel u matul it-trażmissjoni lejn is-Sistema Ċentrali. Kull Stat Membru għandu jiżgura s-sigurtà tad-data li jirċievi mis-Sistema Ċentrali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda timmira lejn diċitura aktar armonizzata fit-test kollu.

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Awtorità tal-Ġestjoni għandha

tistipula sett komuni ta' rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfati minn persuni sabiex tingħatalhom l-awtorizzazzjoni għall-aċċess għall-EURODAC.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandu jkun hemm livell komuni ta' rekwiżiti mal-UE kollha sabiex ikun żgurat li l-persuni li jkollhom l-aċess għall-EURODOC ikollhom l-istess livell ta' affidabbiltà.

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtoritajiet tal-Istati Membri li, bis-saħħa tal-paragrafu 1, jkollhom aċċess għal data rreġistrata fis-Sistema Ċentrali għandhom ikunu dawk maħtura minn kull Stat Membru għall-iskop tal-Artikolu 1(1). Din il-ħatra għandha tispeċifika l-unità eżatta responsabbli biex twettaq il-kompiti relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Kull Stat Membru għandu jikkomunika lista ta' dawk l-awtoritajiet u kull emenda li tkun saritilha lill-Kummissjoni u lill-Awtorità tal-Ġestjoni mingħajr dewmien. L-Awtorità tal-Ġestjoni għandha tippubblika lista konsolidata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Meta jkun hemm emendi għal din il-lista, l-Awtorità tal-Ġestjoni għandha tippubblika lista konsolidata aġġornata kull sena.	2. L-awtoritajiet tal-Istati Membri li, bis-saħħa tal-paragrafu 1, jkollhom aċċess għal data rreġistrata fis-Sistema Ċentrali għandhom ikunu dawk maħtura minn kull Stat Membru għall-iskop tal-Artikolu 1(1). Din il-ħatra għandha tispeċifika l-unità eżatta responsabbli biex twettaq il-kompiti relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Kull Stat Membru għandu jikkomunika lista ta' dawk l-awtoritajiet u kull emenda li tkun saritilha lill-Kummissjoni u lill-Awtorità tal-Ġestjoni mingħajr dewmien***, fil-każ ta' emendi mill-inqas 30 ġurnata wara li jkunu saru l-emendi fil-lista***. L-Awtorità tal-Ġestjoni għandha tippubblika lista konsolidata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Meta jkun hemm emendi għal din il-lista, l-Awtorità tal-Ġestjoni għandha tippubblika lista konsolidata aġġornata kull sena.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li jkun hemm skadenza li fiha l-bidliet li jkunu saru fil-lista tal-awtoritajiet li jkollhom

aċċess għad-data rreġistrata fis-Sistema Ċentrali jkunu kkomunikati lill-Kummissjoni u lill-Awtorità tal-Ġestjoni.

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Dawn ir-reġistrazzjonijiet jistgħu jintużaw biss għall-kontroll dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni fuq l-ammissibilità tal-ipproċessar ta' data kif ukoll sabiex jiżguraw is-sigurtà tad-data konformement mal-Artikolu 19. Ir-reġistrazzjonijiet ***għandhom*** ikunu protetti b'miżuri xierqa kontra aċċess mhux awtorizzat u għandhom jiġu mħassra wara perjodu ta' sena wara li jkun skada l-perjodu ***għaż-żamma*** msemmi fl-Artikolu 8 u fl-Artikolu 12(1) , jekk ma jkunux meħtieġa għal proċeduri ta' kontroll li jkunu diġà bdew.	2. Dawn ir-reġistrazzjonijiet jistgħu jintużaw biss għall-kontroll dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni fuq l-ammissibilità tal-ipproċessar ta' data kif ukoll sabiex jiżguraw is-sigurtà tad-data konformement mal-Artikolu 19. Ir-reġistrazzjonijiet ***jridu*** *jkunu* protetti b'miżuri xierqa kontra aċċess mhux awtorizzat u għandhom jiġu mħassra wara perjodu ta' sena wara li jkun skada l-perjodu *tal-**ħażna*** msemmi fl-Artikolu 8 u fl-Artikolu 12(1), jekk ma jkunux meħtieġa għal proċeduri ta' kontroll li jkunu diġà bdew.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda timmira lejn diċitura aktar armonizzata fit-test kollu.

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Persuna koperta b'dan *il*-Regolament għandha tkun infurmata mill-Istat Membru ta' oriġini bil-miktub, u fejn xieraq, oralment, fi lsien li hi tista' tiġi ***preżunta*** raġonevolment tifhem dwar dan li ġej:	1. Persuna koperta b'dan *ir*-Regolament għandha tkun infurmata mill-Istat Membru ta' oriġini bil-miktub, u fejn xieraq, oralment, fi lsien li hi ***tifhem*** jew *li jista' jkun **preżunt*** raġonevolment *li hi* tifhem dwar dan li ġej:

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għan ta' din l-emenda huwa li jiġi adottat approċċ armonizzat f'diversi atti ta' leġiżlazzjoni Komunitarja b'referenzi simili għal-livell meħtieġ ta' fehim ta' lingwa.

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-għan li għalih id-data ***tagħha*** ser tkun ipproċessata fil-EURODAC inkluża deskrizzjoni tal-għanijiet tar-Regolament ta' Dublin, skont l-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament *;*	(b) l-għan li għalih id-data ***li tirrigwarda lilha*** tagħha ser tkun ipproċessata fil-EURODAC inkluża deskrizzjoni tal-għanijiet tar-Regolament ta' Dublin, skont l-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament*;*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda timmira lejn diċitura aktar ċara tat-test.

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Amendment*
(e) l-***eżistenza tad-***dritt ta' aċċess għal data relatata ***magħhom*** u d-dritt li jirrikjedu li d-data mhux eżatta li ***tirrigwardahom*** *tiġi korretta* jew li data ***dwarhom*** ipproċessata illegalment tiġi mħassra***, inkluż id-dritt li jirċievu informazzjoni dwar*** il-proċeduri biex jeżerċitaw dawk id-drittijiet ***u*** d-dettalji ta' kuntatt tal-Awtoritajiet Nazzjonali ta' Superviżjoni msemmija fl-***Artikolu 25(1),*** li għandhom jisimgħu talbiet dwar il-protezzjoni ta' data personali.	(e) ***id***-dritt għall-aċċess għad-data ***dwarha***, u d-dritt li *titlob* li data mhux eżatta ***dwarha*** *tkun ikkoreġuta* jew li data pproċessata mhux skont il-liġi ***dwarha tiġi mħassra***, ***kif ukoll*** il-proċeduri għall-eżerċizzju ta' dawk id-drittijiet***, inklużi*** d-dettalji *tal-kuntatt* ***tal-kontrollur u*** tal-Awtoritajiet Nazzjonali ta' Superviżjoni msemmija fl-***Artikolu 24***, li għandhom jisimgħu talbiet dwar il-protezzjoni ta' data personali.

Or. en

Justification

As pointed out by the European Data Protection Supervisor in his opinion of 18 February 2009, it should be clarified that the data subject should be informed about the content and not only the existence of the right of access to data and the rights to correction or erasure of data as well as, separately, on the procedural steps he/she may take. The addition of the contact details of the relevant authorities takes account of the fact that the data controller is primarily responsible to ensure the application of the rights of the data subject. Reference should be made to Article 24 which contains the provisions about the supervision by the National Supervisory Authorities.

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
FIl-każ li ***l-applikant għal protezzjoni internazzjonali*** jkun minorenni, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni b'mod adattat għall-età.	FIl-każ li ***l-persuna koperta b'dan ir-Regolament*** *tkun* minorenni, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni b'mod adattat għall-età.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-obbligu li l-informazzjoni tingħata b'mod adattat għall-età għandu japplika għall-kategoriji kollha ta' persuni li jkunu soġġetti għall-proċedura EURODAC li jkunu minorenni u mhux biss għall-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali.

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. ***Kull meta persuna titlob għal data relatata magħha*** skont ***il-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti*** tirreġistra li din it-talba saret fil-forma ta' dokument miktub u għandha, mingħajr dewmien u fuq it-talba	9. Kull ***darba li*** persuna ***tagħmel talba*** għal data relatata magħha skont ***il-paragrafu 2***, l-***awtorità kompetenti għandha*** tirreġistra li din it-talba saret fil-forma ta' dokument miktub u għandha, mingħajr dewmien u

tagħhom, tpoġġi *dad*-dokument għad-dispożizzjoni tal-Awtoritajiet Nazzjonali ta' Superviżjoni msemmija fl-***Artikolu 25***.	fuq it-talba tagħhom, tpoġġi *dan id*-dokument għad-dispożizzjoni tal-Awtoritajiet Nazzjonali ta' Superviżjoni msemmija fl-***Artikolu 24***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandha ssir referenza għall-paragrafu 2 tal-Artikolu 23 li jgħid li s-soġġett tad-data jista' jikseb l-aċċess għad-data, u għall-Artikolu 24 li fih id-dispożizzjonijiet dwar is-superviżjoni mill-Awtoritajiet Nazzjonali ta' Superviżjoni.

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-Kummissjoni malli l-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 2(a) jkunu saru, ***u*** f'kull każ mhux aktar tard minn 12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.	3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-Kummissjoni malli l-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 2(a) jkunu saru, u f'kull każ ***dan għandu jsir*** mhux aktar tard minn 12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda timmira lejn diċitura aktar ċara tat-test.

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Waqt il-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fl-Artikolu 4(4), referenzi għall-Awtorità tal-Ġestjoni f'dan ir-Regolament għandhom jinftehmu bħala referenza

għall-Kummissjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa minħabba raġunijiet ta' ċertezza legali. L-istess dispożizzjoni teżisti fl-Artikolu 51(4) tar-Regolament VIS (Regolament (KE) Nru 767/2008) li fih ukoll bosta referenzi għall-Awtorità tal-Ġestjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

I. Sfond

Is-sistema EURODAC bdiet taħdem fil-15 ta' Jannar 2003 bħala sistema ta' teknoloġija tal-informatika għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' ta' applikanti għall-asil u għal ċerti ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat. Is-sistema tiżgura li l-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin (wara mibdula bir-Regolament ta' Dublin), li għandha l-għan li tistabbilixxi mekkaniżmu ċar u fattibbli sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà għall-applikazzjonijiet għall-asil ippreżentati f'wieħed mill-Istati Membri tal-UE.

Is-"sistema ta' Dublin"[1], ir-regolament li jimplimentaha[2] u r-Regolament EURODAC[3] – bħalissa japplikaw f'27 Stat Membru, fin-Norveġja, fl-Iżlanda u fl-Iżvizzera, u ser tiġi estiza għal Liechtenstein ma ddumx.

Is-sistema ta' Dublin, li tittratta, fost oħrajn, il-problemi tal-migrazzjoni sekondarja u l-applikazzjonijiet multipli għall-protezzjoni internazzjonali (magħrufa wkoll bħala "asylum-shopping"), hija bbażata fuq kriterji li għandhom x'jaqsmu ma': 1) il-prinċipju ta-rijunifikazzjoni tal-familja; 2) il-kwistjoni tal-permessi ta' residenza jew viżas; 3) dħul illegali fit-territorju ta' Stat Membru jew residenza illegali fih; u 4) dħul legali fit-territorju ta' Stat Membru. Sabiex jiġi żgurat il-livell meħtieġ ta' flessibilità, ir-Regolament ta' Dublin jinkludi wkoll żewġ dispożizzjonijiet: il-"klawsola tas-sovranità" u l-"klawsola umanitarja". Il-"klawsola tas-sovranità" tippermetti lil Stat Membru li jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali anke jekk dan l-Istat Membru ma jkunx responsabbli mill-eżaminazzjoni skont il-kriterji speċifikati fir-Regolament ta' Dublin (Artikolu 3(2)). Il-"klawsola umanitarja" tippermetti lil Stat Membru, minħabba kunsiderazzjonijiet ta' familja jew kultura, li jeżamina dik l-applikazzjoni wara talba minn Stat Membru ieħor (Artikolu 15), anke jekk dan l-Istat Membru ma jkunx responsabbli biex jittratta applikazzjoni skont il-kriterji speċifikati fir-Regolament.

Sabiex jirrispondi għal problemi li jinqalgħu fil-prattika u biex jissodisfa l-ħtiġijiet ta' persuni minn pajjiżi terzi u ta' persuni bla stat, li ġieli jfittxu l-asil f'iżjed minn Stat Membru wieħed, l-Istat Membru inkwistjoni jiġbor il-marki tas-swaba' u jittrażmettihom b'mod elettroniku lis-Sistema Ċentrali tal-EURODAC. EURODAC hija bażi tad-data kkompjuterizzata li taħżen id-data tal-marki tas-swaba' ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li jkollhom tal-inqas 14-il sena, ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u ta' persuni bla stat li jkollhom tal-inqas 14-il sena u li jkunu nqabdu minħabba qsim irregolari ta' fruntieri esterni ta' Stat Membru, u persuni minn 14-il sena 'l fuq li jkun nstab li qegħdin fi Stat Membru b'mod illegali.

It-talba ta' Stat Membru li jqabbel id-data tal-marki tas-swaba' trażmessa ma' dawk maħżuna fil-bażi tad-data għandha tkun ipproċessata mis-Sistema Ċentrali tal-EURODAC. Jekk ikun

[1] Regolament (KE) Nru 343/2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi istabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni (Regolament ta' Dublin).
[2] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003 tat-2 ta' Settembru 2003, ĠU L 222, 5.9.2003
[3] Id-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2725/2000 tal-11 ta' Diċembru 2000 dwar l-istabbiliment ta' "Eurodac" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin.

hemm riżultat ta' suċċess – għax pereżempju, is-suġġett tad-data jkun diġà ddepożita applikazzjoni fi Stat Membru ieħor – l-informazzjoni tkun tista' tintuża biex jiġi stabbilit liema Stat Membru jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

Peress li l-Kummissjoni Ewropea tqis li n-natura tad-dispożizzjonijiet fiż-żewġ strumenti – jiġifieri r-Regolament EURODAC u r-regolament li jimplimentah – hija simili u li l-proċedura tal-adozzjoni tagħhom hija l-istess (kodeċiżjoni), il-proposta tal-Kummissjoni tipprevedi li *tirrevoka r-Regolament tal-Implimentazzjoni u li tinkludi l-kontenut tiegħu fir-Regolament EURODAC*. Għalhekk, skont il-Kummissjoni, il-proposta biex jerġa' jiġi fformulat ir-Regolament EURODOC hija maħsuba:

- minn banda, biex jiġi żgurat użu iżjed effiċjenti tal-bażi tad-data EURODAC billi:
  – jiġu stabbiliti r-regoli li jipprovdu għal trażmissjoni immedjata tal-marki tas-swaba' lill-Unità Ċentrali tal-EURODAC, sabiex ikun aċċertat li l-Istat Membru responsabbli skont ir-Regolament ta' Dublin biex jeżamina l-applikazzjoni jkun identifikat b'mod korrett;
  – jiġu aġġornati u ċċarati d-definizzjonijiet tal-istadji differenti tal-ġestjoni tal-bażi tad-data, b'mod konformi wkoll mal-objettiv li s-sistemi tal-informatika ta' skala kbira jinżammu kollha f'post wieħed taħt ġestjoni waħda u li jiffunzjonaw bl-istess pjattaforma (li jippermetti li tiżdied il-produttività u li jitnaqqsu l-ispejjeż operattivi);
  – tiġi żblukkata d-data dwar refuġjati rrikonoxxuti u ssir disponibbli għat-tiftix mill-awtoritajiet nazzjonali tal-ażil, sabiex ikun evitat li refuġjat irrikonoxxut fi Stat Membru partikulari jerġa' japplika għall-protezzjoni fi Stat Membru ieħor; u
- mill-banda l-oħra, biex jiġu ttrattati kwistjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data billi:
  – jiġu stabbiliti regoli tekniċi biex jiġi żgurat li l-Istati Membri jħassru d-data li ma tkunx għadha meħtieġa għall-iskop li tkun inġabret għalih, u biex ikun aċċertat li l-Kummissjoni tkun tista' tissorvelja aħjar r-rispett tal-prinċipji tal-protezzjoni tad-data;
  – jiġu ċċarati d-dispożizzjonijiet li jiżguraw sorveljanza effettiva mill-Awtoritajiet Nazzjonali ta' Superviżjoni.

Dawn l-emendi li tfasslu fil-proposta tal-Kummissjoni dwar reviżjoni tar-Regolament EURODAC jirrappreżentaw l-ewwel proposti konkreti ppreżentati mill-Kummissjoni. Dawn il-proposti għandhom il-ħsieb li jimplimentaw il-Pjan Politiku dwar l-Ażil u l-Patt dwar l-Immigrazzjoni u l-Ażil, li għandhom l-għan li jiżguraw livell ogħla ta' armonizzazzjoni u standards aħjar ta' protezzjoni fis-Sistema Komuni Ewropea tal-Ażil (CEAS).

Il-proposta preżenti għandha l-ħsieb li terġa' tifformula r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2725/2000 u r-regolament li jimplimentah, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 407/2002 (Regolament ta' Implimentazzjoni), sabiex isiru l-aġġustamenti meħtieġa mill-bidliet prattiċi u mill-ħtieġa tal-konsistenza mal-evoluzzjoni tal-acquis tal-ażil mill-adozzjoni tar-Regolament EURODAC. Il-modifikazzjonijiet huma meħtieġa wkoll biex tiġi akkomodata l-ġestjoni operazzjonali tal-EURODAC fl-istruttura tal-ġestjoni l-ġdida u biex tiġi żgurata protezzjoni aħjar tad-data personali.

II. Il-pożizzjoni tar-rapporteur

Ir-rapporti dwar l-attività tal-EURODAC, li saru mill-Kummissjoni Ewropea u minn istituzzjonijiet oħrajn b'attributi fil-qasam tal-protezzjoni tad-data personali u tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, jagħtu prova tal-utilità tal-EURODAC. Madankollu, jeħtieġ jittieħdu miżuri dwar l-effiċjenza tas-sistema u jeħtieġ ukoll li jixxejnu l-problemi li jinqalgħu fil-prattika.

Wara diskussjonijiet mar-rappreżentanti tal-istituzzjonijiet involuti f'dan il-proċess, ir-rapporteur identifika għadd ta' kwistjonijiet li ffoka fuqhom:

- Il-ħtieġa li tiġi elaborata **soluzzjoni ta' kompromess effettiva u prattika** rigward i**l-ġbir u t-trażmissjoni tad-data tal-marki tas-swaba' mill-Istati Membri, billi din tinqasam f'żewġ stadji bi skadenzi distinti**:

  – fl-ewwel stadju, il-marki tas-swaba' diġitali **għandhom jittieħdu fi żmien 48 siegħa**, ħlief f'sitwazzjonijiet fejn minħabba l-qerda parzjali tal-marki tas-swaba' jew il-ħtieġa li jkun osservat perjodu ta' kwarantina minħabba mard serju, fejn l-iskadenza **għandha tiġi estiża sa tliet ġimgħat**, u

  – it-tieni stadju, l-Istati Membri **għandhom jibagħtu** d-data miġbura **lis-Sistema Ċentrali tal-EURDAC fi żmien 24 siegħa**, mingħajr ebda eċċezzjoni.

- Il-ħtieġa li jkun hemm applikazzjoni konsistenti tal-prinċipju li d-data m'għandhiex tinħażen tul perjodu li jkun itwal milli meħtieġ sabiex jintlaħaq l-iskop li tkun inġabret għalih. Għalhekk, **rapporteur huwa favur li l-perjodu tal-ħażna għad-data tat-tieni kategorija (CAT 2) jitnaqqas minn sentejn għal sena.**
- **It-twaqqif, kemm jista' jkun malajr, ta' EURODAC, VIS u Aġenzija tal-Ġestjoni SIS II deċentralizzati.**
- L-Aġenzija tal-Ġestjoni għandha telabora sett ta' rekwiżiti komuni li għandhom ikunu ssodisfati minn dawk li tingħatalhom l-awtorizzazzjoni tal-aċċess għall-faċilitajiet u għall-informazzjoni tal-EURODAC.

F'dan il-kuntest, ir-rapporteur iqis li l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għall-kodifikazzjoni u l-emendar parzjali tar-regolamenti tal-EURODAC (COM(2008)0825) jistgħu jżidu l-effiċjenza tas-sistema kollha, u li din ser tittratta wkoll mal-kwistjonijiet delikati li jiffaċċjaw ċerti Stati Membri li huma soġġetti għall-influssi ta' immigranti illegali.

B'hekk, ir-rapporteur jemmen li l-approċċ tal-Kummissjoni li temenda r-regolamenti li jirrigwardaw id-Dublin II u l-EURODAC fl-istess ħin jippreżenta opportunità li jiġu aġġustati u armonizzati d-dispożizzjonijiet ta' dawn id-dokumenti, u b'hekk jitfassal qafas legali komprensiv u trasparenti rigward it-tlestija ta' zona Ewropea ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Għaldaqstant, ir-rapporteur jappoġġja t-tlestija immedjata u paralleli tar-rapporti elaborati mill-Parlament Ewropew rigward dawn iż-żewġ proposti.